MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Numru 35/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Martin Dimech**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali moghtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' Lulju 2011 dwar l-eccezzjoni preliminari ta' l-akkuzat. L-akkuzat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fil-11 ta' Lulju 2011.

**2.** Martin Dimech kien akkuzat, permezz ta' Att ta' Akkuza pprezentat mill-Avukat Generali fit-8 ta' Lulju 2010 (nru 35/2010) li: (1) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ ; (2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina kontra l-ligi taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**3.** Fir-rikors ta' appell tieghu tal-11 ta' Lulju 2011 l-appellant talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Lulju 2011 u konsegwentement takkolji l-eccezzjoni preliminari tieghu.

**4.** Permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet tieghu tat-22 ta' Lulju 2010 l-appellant eccepixxa li għandha tkun sfilzata d-depożizzjoni mogħtija mill-Ispiżjar Godwin Sammut fit-8 ta' Mejju 2009 u r-relazzjoni peritali tal-istess Godwin Sammut maħlufa quddiem il-Qorti Istruttorja fl-14 ta' Mejju 2009. L-appellant jissottometti:

"Illi f'dan is-sens jigi rilevat illi l-Ispizjar Godwin Sammut kien gie originarjament innominat mill-inkwirenti fl-1 ta' Mejju 2009 pero` erronejament dik il-Qorti ma tatu l-ebda inkarigu specifiku jew mod iehor x'jezonera. Il-verbal tan-nomina datat l-1 ta' Mejju 2009 a fol. 65 tal-process jghid semplicement:

"*'Tinnomina biex jassistu lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access lil Mr Godwin Sammut u Mr Martin Bajada bhala esperti teknici.'*

"Kwindi l-istess Godwin Sammut ma setax jipprezumi x'kien l-inkarigu tieghu imma kellu se mai fl-ahjar ipotesi jitlob lill-Qorti tispecifikalu l-inkarigu tieghu.

"Illi lanqas ma jista' jinghad li dan l-istat ta' fatt b'xi mod gie rratifikat waqt il-kumpilazzjoni.

"Illi hawn issir referenza ghad-digriet ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Mejju 2009 a fol. 37 tal-process fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:

"*'F'dan l-istadju din l-Onorabbli Qorti qieghda testendi n-nomina ta' Godwin Sammut sabiex jaghmel l-analizi fuq il-<u>boroz</u> appena esebiti bhala dokument MD3 u tawtorizzah jirtira l-istess.'*

"Illi minn hawn jirrizulta li l-uniku inkarigu specifiku moghti kien li jaghmel analizi fuq il-boroz u mhux fuq it-trab kannella. L-analizi fuq it-trab kannella ghalhekk kien ezercizzju extra petita."

**5.** Dwar din l-eccezzjoni l-ewwel Qorti qalet hekk :

**"Li skont l-artikolu 650 tal-Kap. 9, għandhom jinħatru esperti f'dawk il-każijiet kollha, fejn ikun meħtieġ tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta' persuna jew xi oġġett.**

**"Skont is-subinċiż (5) tal-istess artikolu, il-Qorti għandha, meta jkun hemm bżonn, tagħti direzzjonijiet lill-esperti.**

**"Mid-diċitura tas-subinċiż (5) tal-artikolu 650 tal-Kap. 9 jirriżulta li l-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-esperti meta jkun hemm bżonn.**

**"Fil-każ tal-espert Godwin Sammut, malli l-Maġistrat Inkwirenti jaħtru bħala espert, ix-xogħol li għandu jwettaq bħala espert huwa wieħed awtomatiku. Is-sur Godwin Sammut normalment jinħatar espert (jew hu jew l-Ispiżjar Mario Mifsud, skont min ikun tal-għassa) kull meta jkun hemm każ tad-droga u kull wieħed minn dawn l-esperti jaf li d-dmir tiegħu huwa wieħed – li janalizza u jiżen d-droga misjuba – sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ta' xi analiżi oħra, bħalma jidher li kien hemm f'dan il-każ aktar tard matul il-proċeduri.**

**"Għalhekk kemm is-sur Godwin Sammut kif ukoll is-sur Mario Mifsud meta jinħatru mill-Maġistrat Inkwirenti jafu x'inhu l-inkarigu primarju tagħhom u m'għandhom għalfejn jippreżumu xejn għax huma esperti f'qasam speċjalizzat ħafna u li sa minn żmien**

**sew ilu – u kif għadu s'issa – huma dawn l-uniċi żewġ esperti li jinħatru għal dan il-għan.**

**"Għalhekk, fi kliem l-istess subinċiż (5) tal-artikolu 650 ma kien hemm ebda bżonn li l-Maġistrat Inkwirenti jispeċifika l-inkarigu tal-espert Godwin Sammut.**

**"Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-ħatra tas-sur Godwin Sammut kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu huma t-tnejn ammissibbli u għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjoni ta' Martin Dimech."**

**6.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi, u senjatament is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti qalet li l-Qorti tal-Magistrati ma kellhiex bzonn taghti inkarigu specifiku lill-perit nominat minhabba li essendo li Godwin Sammut hu spizjar ma kellux bzonn id-direzzjoni msemmija. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti "qed tinterpreta erronejament id-dicitura tal-kelma direzzjoni mal-kelma inkarigu. Il-ligi tirrikjedi li l-gudikant irid jahtar il-perit b'digriet bil-miktub u b'hekk b'mod normali ittieh inkarigu mbaghad wara jekk hemm bzonn jidderigieh ulterjormant fl-inkarigu moghti." L-appellant ikompli jghid li sa certu punt hekk gara. "Bid-digriet tat-8 ta' Mejju 2009 il-Qorti kompilatorja a fol. 37 tal-process idderigiet lil Godwin Sammut sabiex l-analizi li kellhom isiru, isiru fuq il-boroz appena esebiti bhala dokument immarkat MD3." Jghid li "ghalhekk jidher car li l-espert Godwin Sammut ma nghata l-ebda inkarigu janalizza d-dokumenti l-ohra kontenenti t-trab kannella." L-appellant isostni li fil-kamp kriminali xejn ma hu prezunt u kollox irid jimxi skond il-procedura.

**7.** Jirrizulta f'dan il-kaz li fid-digriet taghha ta' l-1 ta' Mejju 2009 il-Magistrat Inkwirenti sejhet lill-Ispizjar Godwin Sammut bhala "espert tekniku", bhalma sejhet bl-istess mod lil Martin Bajada. Izda l-appellant dehrlu li kellu joggezzjona biss ghall-Ispizjar Godwin Sammut. L-istess l-appellant ma oggezzjonax ghall-mod kif saret in-nomina ta' P.S. 46 Charlot Casha, P.S. 465 Daniel Abela, P.C.

826 Marlon Parnis u P.S. 1253 Frederick Brincat, li gew nominati *sic et simpliciter* bhala *"scene of the crime officers"*. Issa, permezz tad-digriet imsemmi l-Magistrat Inkwirenti hatret lill-Ispettur Victor Aquilina sabiex izomm access, jistabilixxi l-fatti rilevanti u jirrelata bil-miktub fi zmien tletin jum u hatret sabiex jassistuh lill-esperti msemmija. Dawn l-esperti kollha gew awtorizzati "jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha rilevanti u opportuni ghall-fini tal-inkarigu taghhom", naturalment dan skond l-*expertise* rispettiv taghhom. Fir-rapport tieghu l-Ispettur Victor Aquilina qal li l-oggetti elevati gew fotografati u wara mghoddija lill-Ispizjar Godwin Sammut "ghall-analizi". Dan kollu gie anke riportat fil-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti – konferma din ta' l-inkarigu ta' l-imsemmi espert. Imbaghad bid-digrieti li tat il-Qorti Istruttorja fit-8 ta' Mejju 2009, hija "estendiet" l-inkarigu gja` moghti lill-Ispizjar Godwin Sammut.

**8.** Din il-Qorti zzid tghid, pero`, li l-Qorti (jew il-magistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*) li tinnomina espert fi branka ta' hila jew sengha specjali m'ghandhiex ghalfejn tispecifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert ghandu jaghmel. Infatti l-Qorti taghti d-direttivi mehtiega lill-esperti kull meta jkun hemm bzonn (*"… whenever it is expedient …"* fit-test Ingliz)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minhabba l-*expertise* taghhom, jibqaghlhom ukoll margini ta' diskrezzjoni sabiex jaghmlu "ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha" taghhom (artikolu 653(1), Kap. 9). L-Ispizjar Godwin Sammut, bhalma osservat l-ewwel Qorti, jigi regolarment mahtur proprju f'dan il-qasam specjalizzat ta' analizi ta' sustanzi suspettati droga, u ghalhekk jista' jinghad ukoll li hemm certa "teknika" involuta. Din kienet inkjesta dwar is-sejba ta' sustanza suspettata eroina. Dik is-sustanza li giet mghoddija lilu certament ma gietx hekk mghoddija biex joqghod ihares lejha.

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------